STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 21/23

Il-Lussemburgu, 2 ta' Frar 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-649/20 P | Spanja vs Il-Kummissjoni, C-658/20 P | Lico Leasing u Pequeños y Medianos Astilleros Sociedad de Reconversión vs Il-Kummissjoni *et* C-662/20 P | Caixabank *et* vs Il-Kummissjoni

# Għajnuna mill-Istat: il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla parzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-"iskema Spanjola ta' leasing fiskali"

*Fil-fatt, l-irkupru tal-ammont kollu tal-għajnuna prevista ġiet ordnata abbażi ta' identifikazzjoni żbaljata tal-benefiċjarji*

Fl-2006, il-Kummissjoni Ewropea kienet irċeviet diversi lmenti dwar l-applikazzjoni tal-"iskema Spanjola ta' leasing fiskali" (iktar 'il quddiem l-"ISLF") għal ċerti ftehimiet ta' lokazzjoni-finanzjament, sa fejn din l-iskema ippermettiet lill-kumpanniji marittimi jibbenefikaw minn tnaqqis fil-prezz ta' 20 għal 30 % għax-xiri ta' bastimenti mibnija minn tarzni Spanjoli, b'detriment għall-bejgħ minn tarzni ta' Stati Membri oħra. Skont il-Kummissjoni, l-għan tal-ISLF kien li tipprovdi vantaġġi fiskali lil gruppi ta' interess ekonomiku (iktar 'il quddiem il-"GIE") u lill-investituri li kienu jipparteċipaw fihom, li mbagħad kienu jittrasferixxu parti minn dawn il-vantaġġi lill-kumpanniji marittimi li jkunu xtraw vapur ġdid.

Fid-Deċiżjoni kontenzjuża [1], adottata f'Lulju 2013, il-Kummissjoni qieset li tlieta mill-ħames miżuri fiskali li jifformaw l-ISLF kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, fil-forma ta' vantaġġ fiskali selettiv, parzjalment inkompatibbli mas-suq intern. Peress li l-għajnuna inkwistjoni kienet ġiet implimentata mill-1 ta' Jannar 2002 bi ksur tal-obbligu ta' komunikazzjoni [2], il-Kummissjoni ordnat lill-awtoritajiet nazzjonali jirkuprawha mingħand l-investituri, jiġifieri l-membri tal-GIE.

F'Settembru 2013, ir-Renju ta' Spanja, Lico Leasing SA u Pequeños y Medianos Astilleros Sociedad de Reconversión (PYMAR) SA ppreżentaw rikorsi għal annullament kontra d-Deċiżjoni kontenzjuża. Fis-sentenza tagħha Spanja *et* vs Il-Kummissjoni [3], il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-vantaġġ miksub mill-investituri tal-GIE ma kienx selettiv u li l-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni dwar il-kriterji ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u tal-effett fuq il-kummerċ kienet insuffiċjenti. Konsegwentement, hija annullat id-Deċiżjoni kontenzjuża.

Adita b'appell mill-Kummissjoni kontra din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja annullatha permezz tas-sentenza tagħha Il-Kummissjoni vs Spanja *et* (C-128/16 P) [4], billi qieset, b'mod partikolari, li l-applikazzjoni tal-kundizzjoni dwar is-selettività li fuqha l-Kummissjoni kienet ibbażat l-analiżi tagħha kienet żbaljata. Madankollu hija qieset li, sa fejn il-Qorti Ġenerali ma kinitx ippronunzjat ruħha fuq il-motivi kollha mressqa quddiemha, it-tilwima ma kinitx fi stat li tiġi

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/200/UE tas-17 ta' Lulju 2013 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.21233 C/11 (ex NN/11, ex CP 137/06) mogħtija minn Spanja Reġim tat-taxxa applikabbli għal ċerti ftehimiet ta' lokazzjoni finanzjarja magħruf ukoll bħala s-Sistema Spanjola tat-Taxxa tal-Lokazzjoni (ĠU 2014, L 114, p. 1).

[2] Obbligu previst fl-Artikolu 108(3) TFUE.

[3] Sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, T-515/13 u T 719/13 (Ara wkoll CP 150/15)

[4] Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Il-Kummissjoni vs Spanja *et*, C-128/16 P (Ara wkoll CP 115/18).

deċiża u, konsegwentement, bagħtet il-kawżi lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Permezz tas-sentenza tagħha wara r-rinviju Spanja *et* vs Il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi mressqa mir-Renju ta' Spanja, Lico Leasing u PYMAR, b'dawn tal-aħħar ikunu sostnuti fit-talbiet tagħhom minn 34 entità li kienu ġew ammessi li jintervjenu għal dan l-istess għan fil-kuntest tal-Kawża C-128/16 P (iktar 'il quddiem l-"intervenjenti fl-ewwel appell").

F'dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv intiż li jikkontesta s-selettività tal-ISLF, billi qieset, essenzjalment, li l-eżistenza ta' setgħa diskrezzjonali estiża tal-amministrazzjoni fiskali sabiex tawtorizza d-deprezzament antiċipat kienet suffiċjenti sabiex tiġi ammessa s-selettività tal-ISLF kollha kemm hi. Hija ċaħdet ukoll il-motivi bbażati fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża, fuq ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali, fuq ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali kif ukoll tal-prinċipji applikabbli għall-irkupru tal-għajnuna. Fuq dan il-punt tal-aħħar, b'mod partikolari, hija qieset li l-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' liġi meta ordnat l-irkupru tal-għajnuna kollha inkwistjoni biss mingħand l-investituri tal-GIE, minkejja li parti mill-vantaġġ fiskali miksub kienet ġiet ittrasferita lil terzi, jiġifieri l-kumpanniji marittimi.

Ir-Renju ta' Spanja, Lico Leasing u PYMAR, kif ukoll l-intervenjenti fl-ewwel appell ressqu għalhekk tliet appelli distinti kontra s-sentenza appellata, li permezz tagħhom huma jfittxu li jiksbu l-annullament tagħha u, sussegwentement, dik tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

Permezz tas-sentenza tagħha, **il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-aggravju tar-Renju ta' Spanja bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata fir-rigward tal-irkupru tal-għajnuna inkwistjoni u tiċħad il-kumplament tal-appelli.** Wara li annullat għalhekk parzjalment din is-sentenza u **qieset li kienet f'pożizzjoni li tiddeċiedi hija stess b'mod definittiv parti mir-rikorsi li kien għad trid tiġi eżaminata, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet**, fi tmiem l-eżami tagħha, **li hemm lok li d-Deċiżjoni kontenzjuża tiġi annullata sa fejn din tordna l-irkupru tal-ammont kollu tal-għajnuna prevista mingħand il-benefiċjarji tagħha abbażi ta' identifikazzjoni żbaljata ta' dawn tal-aħħar.**

**Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja**

L-ewwel, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni kontra l-appell imressaq mill-intervenjenti fl-ewwel appell, ibbażat fuq żball ta' liġi li bih ir-rikonoxximent tal-istatus tagħhom ta' intervenjenti huwa vvizzjat fil-kuntest tal-proċedura ta' rinviju. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rispett tad-drittijiet proċedurali ggarantiti lill-intervenjenti mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja jeħtieġu, fil-kuntest ta' artikolazzjoni konsistenti tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, li intervenjent f'appell igawdi *ipso jure* mill-kwalità ta' intervenjent quddiem il-Qorti Ġenerali, meta kawża tintbagħat lura lil din il-qorti tal-aħħar wara l-annullament mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. B'hekk, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta rrikonoxxiet tali kwalità lill-partijiet ikkonċernati, f'tali ċirkustanzi. Konsegwentement, il-partijiet interessati huma, bħala tali, intitolati li jressqu appell kontra s-sentenza appellata, sa fejn huma, barra minn hekk, direttament affettwati minn din is-sentenza [5], peress li, biċ-ċaħda tal-appelli, din tal-aħħar tesponihom għar-riskju li jkollhom iħallsu lura l-għajnuna li huma rċevew. L-appell tagħhom huwa għalhekk ammissibbli.

It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-aggravji relatati, għal xi wħud, mal-analiżi tas-selettività tal-ISLF u, għal oħrajn, mal-obbligu ta' rkupru.

Fir-rigward, fl-ewwel lok, **tal-evalwazzjoni tal-kundizzjoni ta' selettività**, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza, qabelxejn, li miżura fiskali vantaġġuża li l-għoti tagħha tiddependi mis-setgħa diskrezzjonali tal-amministrazzjoni fiskali ma tistax titqies li hija ta' natura ġenerali. Minn dan isegwi li s-selettività ta' tali miżura ma tistax tiġi evalwata abbażi ta'

[5] Din l-kundizzjoni hija prevista fit-tieni sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

metodu maħsub speċifikament sabiex juri s-selettività moħbija ta' miżuri fiskali vantaġġużi ta' portata ġenerali [6]. Issa, f'dan il-każ, **il-Qorti Ġenerali ntalbet tippronunzja ruħha fuq l-analiżi ta' miżura li l-għoti tagħha kienet tiddependi mis-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet kompetenti, b'tali mod li ma tistax tiġi kkritikata li naqset milli tanalizzaha skont il-metodu applikabbli għall-miżuri fiskali ta' natura ġenerali.**

Wara li tittratta għalhekk il-kriterji ta' evalwazzjoni rilevanti fil-preżenza ta' miżura fiskali vantaġġuża mogħtija fuq bażi diskrezzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel mal-Qorti Ġenerali meta tfakkar li **l-eżistenza ta' sistema ta' awtorizzazzjoni, fiha nnifisha, ma timplikax in-natura selettiva tal-miżura kkunsidrata**. Fil-fatt, tali kwalifika teħtieġ li jintwera li l-awtoritajiet kompetenti għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex jiddeterminaw il-benefiċjarji kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-miżura kkunsidrata, b'tali mod li l-eżerċizzju ta' din is-setgħa għandu jitqies li **jiffavorixxi l-impriżi jew il-produzzjonijiet benefiċjarji meta mqabbla ma' oħrajn**, mhux benefiċjarji, **li madankollu jkunu f'sitwazzjoni komparabbli fir-rigward tal-għan imfittex**.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-Qorti Ġenerali b'hekk kienet iġġustifikata meta kkonstatat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni sovrana tagħha tad-dritt nazzjonali, li l-iżnaturament tiegħu, barra minn hekk, ma ġiex allegat, li dan id-dritt kien jagħti lill-amministrazzjoni fiskali marġni ta' diskrezzjoni sinjifikattiv sabiex tawtorizza d-deprezzament antiċipat, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-impreċiżjoni tal-kriterji implimentati u tal-assenza ta' qafas regolatorju għall-interpretazzjoni li dawn jeħtieġu. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex għalfejn tivverifika jekk, fil-fatt, l-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali *de jure* kienx effettivament wassal għal trattament favorevoli mhux ġustifikat ta' ċerti operaturi meta mqabbla ma' oħrajn li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli.

Konsegwentement, **huwa mingħajr ma wettqet żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali qieset, sabiex tikkonkludi dwar is-selettività tal-miżura tad-deprezzament antiċipat, li l-eżistenza ta' aspetti diskrezzjonali kienet ta' natura li tiffavorixxi lill-benefiċjarji meta mqabbla ma' persuni taxxabbli oħra li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli**. Barra minn hekk, **il-Qorti Ġenerali setgħet validament tikkonkludi li l-Kummissjoni ma żbaljatx meta ddeduċiet min-natura selettiva tad-deprezzament antiċipat li l-ISLF kienet selettiva kollha kemm hi**, sa fejn huwa paċifiku li l-miżuri kontenzjużi l-oħra li jifformaw l-ISLF kienu jiddependu mill-awtorizzazzjoni minn qabel tad-deprezzament antiċipat. **Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad il-motivi kollha relatati mas-selettività tal-ISLF bħala infondati.**

Fit-tieni lok, **fir-rigward tal-irkupru tal-għajnuna illegali**, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali fis-sentenza appellata hija nieqsa minn kwalunkwe żball ta' liġi, minbarra żball wieħed li madankollu ma kellu ebda effett fuq l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, b'tali mod li **l-ilmenti invokati fuq din il-bażi għandhom ukoll jiġu miċħuda.**

Fit-tielet u l-aħħar lok, **il-Qorti tal-Ġustizzja tippronunzja ruħha fuq aggravju bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata**. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, **jekk din tal-aħħar tidher li hija suffiċjentement motivata skont il-liġi fir-rigward tan-natura selettiva tal-ISLF, ma jistax, mill-banda l-oħra, jingħad l-istess fir-rigward tal-irkupru tal-għajnuna inkwistjoni.**

Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, sabiex twieġeb għal motiv intiż li jikkontesta l-ordni ta' rkupru li tinsab fid-Deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn tordna l-irkupru tal-għajnuna kollha inkwistjoni mingħand l-investituri filwaqt li parti kbira ħafna tal-vantaġġ hekk mogħti ġiet sistematikament ittrasferita lill-kumpanniji marittimi, **il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha għal li tindika li, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, kienu biss l-investituri li ġew identifikati bħala benefiċjarji tal-għajnuna u li tikkonstata li din il-konklużjoni ma kinitx is-suġġett tat-tilwima.** Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk l-identifikazzjoni tal-benefiċjarji ma kinitx ikkontestata mill-partijiet ikkonċernati, dawn tal-aħħar, bil-motiv tagħhom, madankollu sostnew, impliċitament iżda neċessarjament, li ma kinux l-uniċi benefiċjarji

[6] Skont dan il-metodu, imsejjaħ "fi tliet stadji", l-evalwazzjoni tas-selettività ta' miżura ġenerali li tistabbilixxi skema fiskali vantaġġuża teħtieġ, l-ewwel nett, li tiġi identifikata l-iskema fiskali komuni, imbagħad li jiġi vverifikat jekk l-iskema inkwistjoni tidderogax mill-iskema komuni, bħala qafas ta' riferiment, billi tissuġġetta operaturi li huma komparabbli, fil-livell fattwali u legali, għal trattament fiskali ddifferenzjat u, f'dan il-każ, li jiġi eżaminat, fl-aħħar nett, jekk tali differenzjazzjoni tistax tkun iġġustifikata min-natura jew l-istruttura tas-sistema ta' tassazzjoni.

tal-għajnuna inkwistjoni. **Peress li l-Qorti Ġenerali ma weġbitx għal dan il-motiv, hija għalhekk naqset milli tiddeċiedi dwaru, u dan jikkostitwixxi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.**

F'dawn iċ-ċirkustanzi, **il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata sa fejn ċaħdet ir-rikorsi inkwantu dawn kienu jipprevedu l-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża sa fejn din tindika lill-GIE u l-investituri tagħhom bħala l-uniċi benefiċjarji tal-għajnuna prevista kif ukoll l-annullament tad-dispożizzjoni li tobbliga lir-Renju ta' Spanja jirkupra l-ammont kollu tal-għajnuna prevista mingħand l-investituri tal-GIE. L-appelli huma miċħuda fir-rigward tal-kumplament tagħhom.**

It-tielet, sa fejn tqis li l-parti tar-rikorsi għal annullament li għad trid tiġi eżaminata wara l-annullament parzjali tas-sentenza appellata, dwar, f'dan il-każ, il-**fondatezza tal-obbligu ta' rkupru tal-għajnuna inkwistjoni mingħand il-benefiċjarji tagħha**, hija fi stat li tiġi deċiża, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tagħti deċiżjoni hija stess b'mod definittiv fuq dan il-punt**. F'dan ir-rigward, hija tiċħad, qabelxejn, il-motivi u l-argumenti bbażati fuq ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali u kif ukoll fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bħala infondati, bl-adozzjoni tal-parti l-kbira tar-raġunijiet korrispondenti tas-sentenza appellata.

Wara li ttrattat għalhekk, abbażi tal-motiv li dwaru l-Qorti Ġenerali naqset li tiddeċiedi, il-kwistjoni tal-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-għajnuna inkwistjoni, **il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-obbligu ta' rkupru ta' għajnuna kkunsidrata mill-Kummissjoni li hija inkompatibbli mas-suq intern għandu l-għan li jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni ta' qabel l-għoti tal-għajnuna, billi jċaħħad lill-benefiċjarji tagħha, jiġifieri l-impriżi li effettivament ibbenefikaw minnha, mill-vantaġġ kompetittiv li din l-għajnuna tathom.**

**Issa, f'dan il-każ, mill-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni stess jirriżulta li l-ISLF kienet tikkostitwixxi, kollha kemm hi, skema fiskali intiża li tiġġenera vantaġġ għall-benefiċċju mhux biss tal-investituri miġbura fi ħdan GIE, iżda wkoll tal-kumpanniji marittimi.** Barra minn hekk, mill-elementi esposti mill-Kummissjoni jirriżulta li **t-tqassim ta' dan il-vantaġġ bejn kumpannija marittima u l-investituri ta' GIE kien previst f'kuntratti legalment vinkolanti, sottomessi lill-awtoritajiet fiskali u li dawn tal-aħħar kienu jieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jawtorizzaw, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom, id-deprezzament antiċipat**. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi, fir-rigward tal-għan imfittex permezz tal-irkupru, meta indikat l-investituri tal-GIE bħala l-uniċi benefiċjarji tal-għajnuna inkwistjoni essenzjalment minħabba li l-vantaġġ miksub mill-kumpanniji marittimi abbażi tat-trasferiment ta' parti mill-vantaġġ fiskali mogħti lill-GIE kien jirriżulta minn kombinazzjoni ta' operazzjonijiet legali bejn entitajiet privati li, minħabba f'hekk, ma kienx imputabbli lill-Istat, meta l-GIE kienu madankollu obbligati, skont ir-regoli applikabbli, jittrasferixxu lil dawn il-kumpanniji marittimi parti mill-vantaġġ fiskali miksub.**

Konsegwentement, **il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla, parzjalment, id-Deċiżjoni kontenzjuża, jiġifieri sa fejn din tindika lill-GIE u lill-investituri tagħhom bħala l-uniċi benefiċjarji tal-għajnuna prevista u, sussegwentement, sa fejn din tordna l-irkupru tal-ammont kollu tagħha biss mingħand l-investituri tal-GIE.**

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ✆ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!